



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

8.3.2010

B7-0177/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-mewt ta' Orlando Zapata Tamayo f'Kuba

Willy Meyer, Jacky Hénin, Ilda Figueiredo, Patrick Le Hyaric, Marie-Christine Vergiat, Sabine Lösing, Jürgen Klute
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-mewt ta' Orlando Zapata Tamayo f'Kuba

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 1996 dwar Kuba, stabbilita wara talba tal-ex Prim Ministru Spanjol José María Aznar,
 - wara li kkunsidra s-sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea fl-2003, li kienu sospiżi fl-2005 u li tneħħew definittivament f'Ġunju 2008,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2008 li jiddikjaraw li 'l-UE lesta li terġa' tibda djalogu miftuħ u komprensiv mal-awtoritajiet Kubani dwar is-suġġetti kollha ta' interess reċiproku. (...) Dan il-proċess ta' djalogu għandu jinkludi l-firxa sħiħa ta' oqsma potenzjali ta' koperazzjoni fosthom dawk xjentifiċi, ekonomiċi, politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u għandu jsir fuq bażi reċiproka, inkondizzjonata, mhux diskriminatorja u bil-għan li jinkisbu r-riżultati',
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, wara li beda strajk tal-ġuħ f'ħabs Kuban, iċ-ċittadin Kuban Orlando Zapata Tamayo b'xorti ħażina miet fi sptar Kuban, minkejja li ngħata kura medika xierqa,
- B. billi l-pożizzjoni komuni ma tippermettix li l-UE jkollha relazzjonijiet miftuħa u komprensivi mal-Gvern Kuban abbażi ta' interessi bilaterali, u billi Kuba huwa l-uniku Stat fid-dinja li fir-rigward tiegħu l-UE tadotta din l-attitudni li hija eċċezzjoni,
- C. billi l-Presidenza Spanjola tal-UE ddikjarat l-interess tagħha li jinbeda dibattitu dwar jekk huwiex rakkomandabbli li jsir tentattiv biex jintlaħaq ftehim sabiex ir-relazzjonijiet tal-UE ma' Kuba jkunu jistgħu jissejsu fuq strument legali bilaterali,
- D. billi, bil-għan tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-UE, l-awtoritajiet Kubani kemm-il darba fessru r-rieda tagħhom li jkollhom taħditiet komprensivi dwar kull kwistjoni ta' interess reċiproku, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, abbażi ta' rispett reċiproku u djalogu bejn il-pari,
- E. wara li kkunsidra l-konsegwenzi ħorox tal-embargo ekonomiku, kummerċjali u finanzjarju li l-Istati Uniti ilha timponi fuq Kuba għal aktar minn 50 sena, bi ksur skandaluż tal-liġi internazzjonali, kif ukoll it-theddiet u l-attakki ta' kull tip kontra Kuba, uħud ta' natura terroristika, u t-tentattivi ripetuti biex Kuba tiġi destabilizzata, li l-biċċa l-kbira minnhom joriġinaw mill-Istati Uniti,
- F. billi l-embargo qed ikollu effett ta' ħsara fuq l-ekonomija ta' Kuba u fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-Kubani; billi, minkejja dan, il-Gvern Kuban qed jibqa' jiggerantixxi aċċess b'xejn liċ-ċittadini tiegħu għall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni,

- G. billi mill-1998 'l hawn ħames ċittadini Kubani ntbagħtu l-ħabs fl-Istati Uniti mingħajr proċess ġust, u billi, b'kuntrast ma' dan, l-Amministrazzjoni tal-Istati Uniti għadha qed tiproteġi lil ċittadin Kuban li kien l-instigatur tal-attakk bil-bombi fuq ajruplan ċivili li fih mietu 76 ruħ,
1. Jiddeplora l-mewt fi sptar Kuban, wara strajk tal-ġuħ, taċ-ċittadin Kuban Orlando Zapata Tamayo;
 2. Jistieden lill-UE tirtira l-pożizzjoni komuni u tibda djalogu politiku komprensiv mal-Gvern Kuban, filwaqt li tapplika l-istess kriterji li tapplika għall-pajjiżi kollha li għandha relazzjonijiet magħhom;
 3. Jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-2008 li tneħħi s-sanzjonijiet kontra Kuba u jitlob lill-Kunsill ma jbidilx id-deċiżjoni;
 4. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-embargo u jitlob li jitneħħa minufih, kif mitlub b'insistenza fi 18-il okkażjoni mill-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri tan-NU fl-Assemblea Ġenerali;
 5. Jappoġġja l-isforzi tal-Presidenza Spanjola biex tinnormalizza r-relazzjonijiet bejn l-UE u Kuba, proċess li jasal fl-aqwa tiegħu bl-irtirar sħiħ tal-pożizzjoni komuni, u jittama li l-mewt ta' Orlanda Zapata Tamayo ma tipperikolax dan il-proċess;
 6. Jitlob li jsir djalogu aktar mill-qrib kif ukoll li titwaqqaf bażi dejjiema għal relazzjoni ġenwina bejn l-UE u Kuba sabiex jittrattaw kwistjonijiet ta' interess komuni, fosthom kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem;
 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi applikanti, lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lill-Assemblea EUROLAT u lill-Gvern u l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika ta' Kuba.